## FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## *SMALL CLAIMS TRIBUNAL*

**GUDIKATUR: DR AUDREY J. DEMICOLI, LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IL-GIMHA 5 TA' APRIL, 2002**

**Avviz Nru: 203/02 AJD**

**The Golden Shepherd Group Ltd.**

**vs**

**Martin Mifsud**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-30 ta' Jannar, 2002, fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf u sebgha u ghoxrin lira Maltin u wiehed u tmenin centezmu (Lm1,027.81) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' servizzi u kura medika provduti lill-konvenut fuq ordnijiet tieghu stess u dana skond Statement of Account datat 6 ta' Marzu, 2002 (Dok. A). IL-konvenut gie interpellat diversi drabi sabiex ihallas ghas-servizzi msemmija u xorta baqa' inadempjenti.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra bonarja tal-4 ta' April, 2001 (Dok. B) u bl-imghaxijiet kummercjali mid-data tal-interpellanza sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut.

Ra n-nota tas-socjeta' attrici li biha rriduciet it-talba taghha stante pagament ta' tletin lira (Lm30.00) akkont.

Ra n-nota tal-konvenut li biha ammetta l-ammont tat-talba kif ridotta

Ghaldaqstant, fuq ammissjoni, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma hekk ridotta ta’ disa’ mija u sebgha u disghin liri Maltin u wiehed u tmenin centezmu (Lm997.81), bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tal-Avviz sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**